# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001

**Numru**

**Citaz.  numru:  182/89 A1 NA**

**Avukat Albert Grech bhala prokuratur specjali tas-socjeta' estera Vagnozz & Vannelli SRL ta' Ruma, L-Italja**

**vs**

**Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Everest Contractors Limited u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Awissu 1997, il-gudizzju gie trasfuz f'isem is-socjeta' Everest Contractors Ltd.**

**Il-Qorti,**

B'citazzjoni pprezentata fil-21 ta Frar 1989 is-socjeta' attrici ppremettiet illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta f'liri Maltin ekwivalenti ghal 25,604.900 liri taljani prezz ta' materjal fornut

lis-socjeta' konvenuta kif dettaljatament spjegat fl-annessi dokumenti mac-citazzjoni A u B rispettivament u illi sallum dan l-ammont ghadu ma giex sodisfatt;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine l-ekwivalenti liri Maltin ta 25,604,900 liri Taljani dovuti kif fuq inghad;

Bl-ispejjes u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut nomine ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

B'nota ta' eccezzjonijiet pprezentata quddiem din il-Qorti is-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Illi r-relazzjoni li kien hemm bejn l-eccipjenti u s-socjeta' atrici ma kienet qatt realzzjoni ta' kompra vendita;

2. Illi l-eccipjenti kien inkariga lis-socjeta' attrici b'appalt li kien jinkludi l-forniment tal-materjali rikjesti kif jirrizulta ampjament mid-dokumentazzjoni hawn annessa;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

B'digriet tal-Qorti tas-6 ta Awissu 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem is-socjeta' Everest Contractors Limited.

B'Digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta Mejju 1989 gie nnominat l-Perit Legali Tonio Mallia sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Il-Perit Legali halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu fit-3 ta' Ottubru 1987.

Mix-xhieda illi ngabret quddiem il-Perit Legali jirrizulta illi is-socjeta' attrici tipproduci u tbiegh 'soflit ceilings', partitions u affarjiet ohra. Irrizulta wkoll illi fil-1987, din l-istess socjeta' kienet lahqet ftehim mas-socjeta' konvenuta sabiex is-socjeta' attrici tforni materjal u tinstallah hija stess. Fil-fatt is-socjeta' attrici hekk ghamlet u ta' dawn ix-xogholijiet hija thallset mis-socjeta' konvenuta minghajr problemi ta' xejn.

Sussegwentement, u zmien wara l-fornitura u l-installazjoni fuq imsemmiija, is-socjeta' konvenuta kienet regghet avvicinat lis-socjeta' attrici sabiex mill-gdid terga tforni u tinstalla xi material iehor ghaliha. Pero' din id-darba is-socjeta' attrici ma accettatx li taghmel ix-xogholijiet hija stess pero' sar qbil illi

sempliciment tforni l-materjal li ghalih kellha tithallas minghajr ma jkollha xejn x'taqsam ma' xoghol ta' tqeghid konness ma' din il-konsenja.  Fil-fatt il-konsenja saret u l-prezz ta' din il-konsenja huwa l-mertu ta' din il-kawza peress illi l-materjal li gie kkonsenjat mis-socjeta' attrici baqa ma thallasx.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha taghmel taghha l-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu u taghmilhom taghha.

Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi ma ghandux ikun hemm diffikolta sabiex it-talbiet attrici jigu milqugha.  Id-difiza tal-konvenut nomine li d-ditta attrici kellha tforni u tinstalla l-materjal li tipprovdi (appalt) ma treggix fil-kuntest tat-tieni kuntratt li sar bejn il-partijiet, li kien wiehed sempliciment ta' bejgh.  Fil-fatt bejn l-invoices esebiti mill-attur u dawk esebiti mill-konvenut hemm differenza ta' sena fid-data tal-hrug taghhom u dan jikkonferma dak li qal l-attur noe li l-ewwel kien hemm kuntratt ta' appalt li ghalih thallas u sena wara kien hemm kuntratt iehor ta' bejgh li tieghu ma thallasx.

Kif osserva l-Perit Legali jirrizulta wkoli illi filwaqt li l-invoices esebiti mill-konvenut bid-data tal-1987 jirreferu ghall-"*fornitura*

*e posa in opera del materiale*" dawk esebiti mill-attur bid-data tal-1998 jirreferu "*per la fornitura di lastre*". Dan jikkonferma d-differenza fin-natura taz-zewg kuntratti.

Rigward il-fornitura tal-1988 il-konvenut qieghed jippretendi li ma jhallasx il-prezz tal-istess ghaliex skond huwa x-xoghol ta' tqeghid ta' din il-konsenja ma sarx skond is-sengha u ghalhekk sofra danni u spejjez aktar milli qed titlob is-socjeta' attrici. Pero' hawnhekk wiehed irid jirrileva illi irrizulta li x-xoghol ta' tqeghid tal-materjal li kkonsejat is-socjeta' attrici fil-1988 ma sarx mis-socjeta' attrici izda minn terzi. Ghalhekk certament is-socjeta' attrici ma tistax, anke jekk jigi ppruvat li fll-fatt ix-xoghol ta' tqeghid sar hazin, tinzamm responsabbli ghal dak ii qed tallega is-socjeta' konvenuta. Minn naha l-ohra anke jekk ghall-grazzja tal-argument is-socjeta' konvenuta ma kienitx kuntenta bix-xoghol ta' tqeghid li ghamlet is-socjeta' attrici bil-materjal tal-ewwel konsenja, hija kellha rimedji legali ohra sabiex issalvagwardja l-interessi taghha u ma setghetx izomm pagament ta' kuntratt iehor meta fuq dan il-kuntratt ma hemmx nuqqasijiet da parti ta' fornitura ta' materjal. Il-kuntratt mertu ta' din il-kawza huwa wiehed ta' bejgh: il-konsenja saret u giet accettata u ghalhekk ghandu jsir il-hlas relattiv. Effettivament dan huwa l-

uniku obbligu tax-xerrej f'kuntratt ta' komprovendita' bhal dak odjern kif stipulat fl-Artikolu 1433 tal-Kodici Civili.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' it-tabiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici f'liri Maltin is-somma ta' Liri Taljani 25,604,900 li bir-rata tal-kambju medja tad-data meta qieghdha tinghata din is-sentenza ta' circa 4825 Liri Taljani ghal kull lira Maltija jammonta ghal hamest elef tlett mija u seba' liri Maltin (Lm5307) u dana bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.